# MINUTI

## Laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 65

L-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2023

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' b'urġenza fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 'Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġuże' Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex' nhar il-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2023 fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Is-Sur Joseph Cauchi – Kunsillier
Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 65.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

65.1.1 Is-Sindku għarraf lill-membri preżenti li l-Kunsillier Joseph Cauchi u l-Kunsillier Juliet Attard huma indisposti biex jattendu għal-laqgħa. Il-membri tal-Kunsill aċċettaw l-apoloġija.

### 65.2 Aġġudikazzjoni sejħa għall-offerti:
*MXR/01/2023: Tender for the supply and delivery of light fixtures and electrical material for the Munxar Local Council*;

65.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-offerti miftuħa nhar l-24 ta' Ġunju 2022. Kien hemm żewġ offerti:
Calleja Ltd - €7,291.80
FB Retail Company Limited - €14,555.25
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport tal-bord tal-evalwazzjoni. Il-bord irrakkomanda li din l-offerta ma tingħata lil ebda offerent minħabba li ma kinux konformi mar-rekwiżiti tekniċi mitluba.

65.2.2 Il-membri tal-Kunsill laqgħu r-rakkommandazzjoni tal-bord u r-rapport ġie approvat. Kien hemm qbil mill-membri sabiex wara konsultazzjoni mal-Inġinier li hejja r-rekwiżiti tekniċi, l-offerta terġa' tiġi ppublikata.

### 65.3 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

65.3.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.15 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ħamis 22 ta' Ġunju 2023 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, il-Ħamis 22 ta' Ġunju 2023.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Damien Spiteri | Ryan Debrincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |